MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2004

Numru 442/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**vs**

**Pauline Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputata Pauline Grech mart Alfred bint Carmel Theuma u Grace nee' Mifsud imwielda Valletta u toqghod Attard b' karta ta' identita' numru 356065M, akkuzata talli:

- nhar il-25 ta' April 2001 u fi zminijiet ta' qabel, gewwa l-Belt Valletta u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti li saru fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

xjentement qeghdet fic-cirkolazzjoni, bieghet jew zammet ghall-bejgh jew impurtat ghal hsieb ta' kummec, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebhin b'qerq u cioe' diversi hwejjeg bil-marka 'Hard Rock Café' u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298(1)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjoni kontra l-imputata hi bazata fuq il-premessa li ''xjentement qeghdet fic-cirkolazzjoni, bieghet jew zammet ghandha ghall-bejgh jew importat ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq'' taht l-Artikolu 298(1)(f) tal-Kap 9. Ghalhekk sabiex tirnexxi l-azzjoni ntentata mill-prosekuzzjoni hi ghandha mhux biss tipprova l-misfatti kif migjuba fl-artikolu tal-Ligi li ghalih saret riferenza izda li dan sar <u>xjentement</u>. Dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova li l-imputata kienet taf jew messa kienet taf li l-hwejjeg li kienu esposti ghall-bejgh kienu proprju ''b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq''.

Illi l-fatti kif rrizultaw mill-provi juru wisq car li l-hwejjeg oggett tal-akkuza konsistenti f'58 flokk bil-kliem ''Hard Rock Café'' riprodotti fuqhom kienu foloz fis-sens li ma kienux genwini jigifieri ma kienux manufatturati minn min kellu d-dritt esklussiv li jimmanufatturhom. M'hemmx lanqas dubbju li tali hwejjeg kienu gew elevati mill-pulizija, fid-data tal-25 ta' April 2001, mill-pussess effetiv ta' omm

l-imputata minn fuq tilar allestit fejn is-'Sea Terminal' fil-port il-Belt, hekk kif esposti ghal bejgh.

Illi nghad dan pero' ma jirrisultax, u ma giex pruvat, li l-imputata kienet taf jew messa kienet taf li dawk il-hwejjeg, ossija flokkijiet, ma kienuc genwini. Dan jirrizulta wisq car mix-xhieda taghha innifisha, imkien kontradetta anzi f'certi aspetti rilevanti taghha korroborrata mix-xhieda stess tal-prosekuzzjoni. Issir hawnhekk riferenza ghal dawn il-fatti: li l-imputata ma kienitx hi li kienet tbiegh l-hwejjeg in kwistjoni; li n-negozju kien gja ta' missierha li kien irtira xi zmien qabel u l-bejgh kienet tiehu hsieb ommha li anka kienet taghmel l-ordnijiet mal-fornituri li kienu dejjem l-istess; li l-imputata kienet tmur semplicement tigbor l-ordnijiet li kienu jkunu pakkettati u ma kinitx tiftahom; li hi kellha biss l-licenzja fuq isimha ghall-skopijiet ta' pratticita'; li n-negozju kien ilu jigi gestit minghajr qatt ma kien hemm problema; li lanqas ma irrisulta u ma hemm lanqas l-icken indizju dwar li ommha kienet konxja tal-oggetti qarrieqa.

Ghaldaqstant, taqta u tiddeciedi l-kawza billi ma sibx l-imputata hatja u tilliberha minn kull htija u piena pero' tordna d-distruzzjoni tal-58 flokkijiet meritu l-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------